5 ta' April, 1954.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Edward Sammut ne. *versus* Erin Serracino Inglott ne.

**Trade Mark — Reġistrazzjoni — Numru — Art. 83 u 84 (2) tal-Kap. 48.**

*Għalkemm, in linea ta' massima, anki "numru" jista' jakkwista l-karattru ta' markju tal-kummerċ, meta jkun hemm l-użu esklużiv tiegħu għal żmien almenu ta' għaxar snin, b'mod li jitnissel minn dak l-użu l-pussess leġittimu, dan ma hux possibili fl-istat attwali tal-liġi pożitiva maltija. Skond liema liġi, numru jista' jkun biss parti aċċessorju ta' markju; u għalhekk ma jistax ikun reġistrabili waħdu.*

Il-Qorti, — Rat il-petizzjoni ta' l-Avukat Dr. Edward Sammut fil-kwalità tiegħu premessa, li fiha espona illi fl-ewwel ta' Diċembru 1953 huwa għamel applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark li jikkonsisti fin-numeral "4711" (dok. A), u dana riferibilment għall-prodotti indikati fl-istess applikazzjoni, ċjoè "soaps, perfumery, eau-de-Cologne, essential oils, cosmetics, hair lotions, dentifrices"; illi bl-ittra tiegħu tal-10 ta' Diċembru 1953, eżibita fol. 2 ta' l-inkartament, l-appellat nomine infurmah illi l-applikazzjoni tiegħu ġiet respinta, għar-raġuni li ma kienx kunsidrat li dak it-trade mark fih il-partikularitajiet essenzjali msemmijin fl-art. 83 ta' l-Industrial Property (Protection) Ordinance; u

illi huwa ħass ruħu aggravat bl-imsemmija deċiżjoni ta' l-appellat, u għalhekk qiegħed jinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti; u talab illi d-deċiżjoni mogħtija mill-istess appellat bl-ittra tiegħu fuq imsemmija ta' l-10 ta' Diċembru 1953 tiġi revokata, u minflok jiġi deċiż illi huwa għandu d-dritt jottjeni r-reġistrazzjoni tat-trade mark "4711" riferibilment għall-oġġetti indikati fl-applikazzjoni; u li l-istess appellat jiġi kundannat jagħmel dik ir-reġistrazzjoni skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-appellat nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għandu jiġi mill-ewwel osservat li l-pont involut f'dina l-kawża jirrigwarda "biss" ir-reġistrabilità tan-numru '4711', u mhux il-pussess leġittimu tal-marka mill-parti tad-ditta appellanti. Din ta' l-aħħar hi kwistjoni oħra, li fiha din il-Qorti mhix qiegħda tidħol;

Għandu jiġi wkoll rilevat li r-reġistrabilità għandha tiġi kunsidrata in bażi għal-liġi Maltija, anki jekk din il-liġi, sfortunatament, sa issa għadha ma segwietx il-progress ta' leġislazzjonijiet oħra, partikularment tal-leġislazzjoni Ingliża; fissens li l-liġi Maltija sal-lum baqgħet modellata fuq il-liġijiet Ingliżi antiki in materja;

Jista' jiżdied ukoll li ma jistgħux jiġu invokati favur l-assunt tad-ditta appellanti insenjamenti dottrinali jew pronunċjati tal-ġurisprudenza Ingliża, meta dawn l-insenjamenti u dawn il-pronunċjati, fuq dan il-pont, ikunu ispirati mill-liġijiet Ingliżi susseġwenti għal dik li fuqha ġiet oriġinarjament modellata l-liġi Maltija;

Ikkunsidrat;

Huwa ċert, skond l-art. 83 Kap. 48 Ediz. Riv., li biex marka tkun "trade mark", ċjoè tali li jkollha funzjoni individwalizzanti tal-prodott, u tali li jkun jistħoqqilha t-tutela tar-reġistrazzjoni, jeħtieġ li jkollha "almenu" waħda minn dawn il-partikularitajiet:—

(a) "A name of an individual, or a firm-name of a commercial partnership, printed, impressed, or woven in some particular and distinctive manner; or (b) a written signature, or copy of a written signature, of the individual apply-

ing for registration thereof as a trade mark; or (c) a distinctive device, mark, band, heading, label, ticket, or fancy word or words not in common use";

Kif ingħad, id-ditta appellanti talbet ir-reġistrazzjoni tan-numru "4711", "sic et simpliciter";

Hu ċar li l-kwistjoni tista' tkun biss jekk dan in-numru jaqax taħt il-kliem "a distinctive device" jew taħt il-kelma "mark" fil-paragrafu (c) fuq riportat; għax hu ċert li ma jistax jaqa' taħt il-paragrafi (a) u (b) u taħt il-kliem l-oħra tal-paragrafu (c);

Din il-Qorti kienet pjuttost tkun propensa li tgħid, in linea ta' massima, li *anki "numru" jista' jakkwista "distinctiveness"* b'mod li jsir "a distinctive device", u jista' wkoll jaqa' taħt il-kelma ġenerika u komprensiva "mark", meta jkun hemm l-użu eskluživ tiegħu għal żmien almenu ta' għaxar snin, b'mod li jitnissel minn dak l-użu l-pussess leġittimu (**ara P.A.** "Howard vs. Borg", Vol. XX—II—494). **Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma hux fl-istat attwali tal-liġi požitiva ammissibili**, in vista tad-dispożizzjoni ta' l-art. 84 (2) idem, li jgħid hekk:— "There may be added, in a trade mark, to any one or more of the particulars stated in the last preceding section, any words or figures, or combination of words and figures";

Din id-dispożizzjoni turi biċ-ċar li "numru" jista' biss ikun parti aċċessorja ta' markju. U għalhekk hija leġittima l-inferenza "li ma jistax ikun reġistrabili waħdu". Għandu jingħad, sabiex jiġi skjarit kull dubju, li l-kelma "figure" tfisser "numeral" (numru) — ara Ex p. Stephens (1876), 3 Ch. D. 659, riportata fil-Kerly, On Trade Marks, 1951 edition, p. 190, note 10;

Il-fehma ta' din il-Qorti hi msaħħa b'dak li jgħid il-Kerly, loc. ċit., u s-Sebastian, Law of Trade Marks, 1911 edition, p. 93, fis-sens li, taħt il-liġi Ingliża ta' qabel l-1905, "numru" ma setax jiġi reġistrat ħlief bħala "addition". Il-Liġi Maltija attwali hi simili għal liġi Ingliża "ta' qabel", u sa issa għad ma saretx fil-liġi tagħna l-emenda li biha, fil-liġi Ingliża ta' l-1905, ġie mdaħħal fid-definizzjoni ta' Trade Mark anki numru (numeral) waħdu;

Is-sentenza ċitata mid-ditta appellanti fin-nota tagħha— "Sacco vs. Buttigieg" — ma tajjutax l-assunt ta' l-appellant nomine, għax ir-raġunijiet li hemm fiha huma bażati fuq il-liġi Ingliża posterjuri, li appuntu, għad-differenza tal-liġi Ingliża ta' qabel u tal-liġi Maltija attwali, għamlet innovazzjoni u inkludiet numru "waħdu" bħala Trade Mark;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, hu xieraq temperament; mhux biss stante x-xorta tal-kwistjoni, imma anki in vista tas-sentenza "Sacco vs. Buttigieg", u tal-fatt li d-dipartiment azzjonat kien aċċetta reġistrazzjoni tal-marka "1-2-3";

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-appellat nomine, fis-sens li n-numru "4711" ma hux, fl-istat attwali tal-liġi Maltija, reġistrabili. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-appellant nomine.